# Parrokati li niftakar

### Minn Anthony Piscopo

Ninsabu viċin tal-Festa bit-tempju ta' Publju kif ukoll bit-toroq tas-subborg imżejna għal din l-okkazjoni b'opri li ħallewlna l-antenati tagħna u b'oħrajn li għadhom isiru sal-lum. Opri li dejjem ġew afdati f'idejn l-Arċiprieti li kellna f'kull żmien. F'din il-kitba jien ser insemmi l-aħħar għaxar Arċiprieti li niftakar bl-ewwel wieħed li ser insemmih mejjet kif ilħaqtu jien.
Xi drabi sa ftit żmien ilu konna nisimgħu lil min jgħid: "Lili Ghigo ħasilli rasi" li jkun qed jirreferi għall-Arċipriet li għammdu, illum frażi bħal din qajla tismagħha. Iżda ftit huma dawk il-Furjaniżi li jistgħu jiddedikaw din il-frażi lill-Arċipriet ta' qablu Dun Franġisk Mallia, għax għalkemm min tgħammed taħtu, l-iżgħar wieħed irid ikollu l-età ta' sebgħa u sebgħin sena, però biex jiftakru f'ħidmietu bħala Arċipriet, illum irid ikun qabeż sew it-tmenin sena u ta' din l-età fil-Furjana tgħoddhom fuq pala ta' id waħda.



*Dun Franġisk Mallia (1896 - 1931)*

Għaliex għażilt li nibda bl-Arċipriet Dun Franġisk Mallia? Ir-raġuni hi għax dan l-Arċipriet kellu parrokat twil ta' 35 sena u ħafna mill-opri li għadna naraw illum kemm fil-knisja kif ukoll fit-toroq huma frott ħidmietu. Dwar dan l-Arċipriet jew qrajt jew smajt fuqu għax jien kull ma niftakru mejjet f'lejlet il-funeral tiegħu f'daru 'Mulejja House' fi Triq Pietro Floriani. Meta kien spiċċa l-parrokat u kien ġie maħtur Monsinjur, għalkemm kien minn Bormla, għax ħabb il-Furjaniżi li huma ma naqsux li jħobbuh ried jibqa' joqgħod fostna.
Żgur mhux forsi li f'kitbieti ma rridx indaħħal xi pika bejn la dawk mejtin u wisq aktar bejn dawk ħajjin, biss ser nagħti ħarsa lejn kull wieħed minnhom dwar x'irnexxielhom iwettqu u t-timbru li ħallew warajhom fi tmiem il-parrokat. Bla dubju dawn waħedhom ma setgħu jagħmlu xejn u l-opri li kull wieħed wettaq kemm fil-knisja u kemm fl-armar tat-toroq wettquhom bil-koperazzjoni li sabu mill-parruċani, mill-benefatturi u minn dawk ta' madwarhom li bid-daqqa t'id li tawhom komplew jagħmlu l-kuraġġ jaħdmu f'din l-għalqa tagħhom. Qed nirreferi għall-volontieri li l-knisja tagħna minn dejjem kellha mal-ħitan tagħha.
Minbarra x-xogħol spiritwali li wettqu dawn l-Arċiprieti li ser insemmi li hu l-iskop primarju fil-karigi tagħhom ser nagħtu ħarsa lejn ħidmiethom. Mallia l-knisja libbisha b'ħafna opri sbieħ bħal ma kienet il-pittura fil-kor u fil-koppla mill-pittur Atillo Palombi, l-artal maġġur li kien tal-irħam imħallas minn but l-istess Arċipriet u l-linef tal-kristall li dawn it-tliet opri li semmejt kollha nqerdu fl-aħħar gwerra dinjija fit-28 ta' April 1942.
Mallia kompla jżejjen it-tempju bit-tapizzerija tad-damask, bl-apparat tal-bellus aħmar ir-rakkmat bid-deheb, bil-bradella tal-vara ta' San Publju, bit-tron, bl-istonsorju u bl-irħam fl-isfond tal-kor madwar it-titular. F'dan il-parrokat sar armar fuq barra bħal ma huma l-pilandri u l-opra kbira tal-ark. B'dawn l-opri kollha Mallia ħalla t-timbru tiegħu.



*Dun Angelo Ghigo (1931 - 1952)*

Dun Angelo Ghigo mill-Imqabba kien l-Arċipriet li lili għammidni fl-1934. Lil dan l-Arċipriet ser nibda nsemmih minn dik inhar li kont rajtu f'mument traġiku fit-28 ta' April 1942 meta kienet intlaqtet il-knisja fl-aħħar Gwerra Dinjija ma' xi Furjaniżi oħra jqalleb taħt id-debris fil-korsija bis-saqaf miftuħ beraħ.
Minn dak il-ħin il-knisja ta' Sarria bdiet isservi ta' parroċċa, però kienet żgħira wisq li ma setgħetx tilqa' fiha l-popolazzjoni Furjaniża ta' dak iż-żmien. L-Arċipriet Ghigo

kien għamel artal proviżorju fil-knisja ta' San Publju fl-isfond tan-nava int u tiela' għall-kampnar u l-funzjonijiet bdew isiru fuqu.
Ghigo ħabrek ħafna biex isir ix-xogħol ta' rikostruzzjoni, infatti kien waqqaf Kumitat għal dan il-għan u meta s-saqaf tal-korsija reġa' nbena ttella' ħajt tul is-wisa` tal-knisja kollha minn fejn il-pulptu u fl-10 ta' Diċembru 1944 erġajna lura minn Sarria f'din in-nofs knisja. L-iskop ukoll ta' dawn il-ħitan li nbnew kien li jitkompla x-xogħol fil-bini tal-koppla u tal-kappellun tal-Kurċifiss li kien meqrud għal kollox. Fid-29 ta' Ottubru 1949, dan il-ħajt tneħħa u b'hekk bdiet tintuża il-knisja kollha.
Ix-xogħol baqa' jsir fil-faċċata tal-knisja u Ghigo beda jaħdem biex ikompli jabbelixxi t-tempju kif kien digà beda jsebbħu qabel il-gwerra. Hu kompla l-pittura fejn għamel ukoll ix-xogħol tal-istukku iżda li kollox inqeridlu b'ħidma tal-għadu fil-gwerra. L-istukko reġa' għamlu mill-ġdid u r-restawra l-kwadri tat-titular u dak tal-Madonna tar-Rużarju. Għamel kwadru ġdid tal-Kurċifiss impitter minn Testa flok dak li kien hemm impitter minn Ġużeppi Calì. Għamel l-artal maġġur li naraw illum kif ukoll iż-żewġ artali tal-kappelluni. Fi żmienu dar il-paviment tal-irħam fil-korsija u għall-ewwel darba inżebgħet il-knisja. Għamel l-istallazzjoni tal-elettriku u daħħal is-sistema tal-loudspeakers. Sar ħafna xogħol ukoll fir-restawr tal-armar ta' barra.
Ghigo kellu aktar proġetti xi jwettaq, iżda ma leħħaqhomx għax fl-1952 kien inħatar Monsinjur tal-Katidral.



*Dun Anton Debono*
*(1953 - 1959)*

Dun Anton kien minn Birkirkara f'waqt li kien kappillan ta' San Ġiljan ġie maħtur bħala Arċipriet tagħna fil-Furjana. Fl-ewwel diskors tiegħu fil-Pussess kien ġibidna lejh meta qalilna dwar kif ser jieħu ħsieb it-tempju afdat f'idu billi qalilna x'opri għandu f'moħħu li bihom ikompli jlibbes il-knisja. Dak li qalilna ma kienx kliem fieragħ, għax Dun Anton Abela beda jagħmel opri waħda wara l-oħra.
Debono għad-dispożizzjoni tiegħu kellu x'jonfoq flus mill-War Damage; flus li kien ħalla Ghigo u fuq kollox warajh kellu l-ġenerożità tal-Furjaniżi li dejjem weġibna minn qalbna għall-appelli li għamlilna.
Dan l-Arċipriet kompla x-xogħol tar-rikostruzzjoni tal-kampnari u fin-niċeċ vojta taħt il-portiku għamel l-erba' statwi ta' l-Evanġelisti u l-kanċell tal-ħadid tal-istess portiku. Fuq il-frontispizju għamel l-istatwa ta' Kristu Re flok l-istatwa tal-fidi li kien hemm qabel.
L-aħħar ħaġa li ser insemmi li saret fil-faċċata tal-knisja kien meta ttellgħet il-qanpiena l-kbira fil-kampnar tan-naħa ta' Barċelonetta.
Dwar l-opri fil-knisja ta' min isemmi it-tmien pilastri tal-irħam fiż-żewġ kappelluni l-kbar, l-artal tas-Sacro Cuore, kompla l-paviment tal-irħam fin-navi u l-kontra navi, għamel żewġ niċeċ żgħar għall-istatwi tal-Ecce Homo u tal-Madonna ta' Fatima, il-pulptu, il-konfessjonarji, l-antiporta tal-bieb maġġur, is-sedji tal-kor, indura bid-deheb iċ-ċinta tal-korsija u l-kappelluni, għamel il-kanċell tal-presbiterju u ordna l-vetrata ta' fuq l-orgni.
Opra li l-Furjaniżi kienu għatxana għaliha kienet li tinbeda l-pittura u dan l-Arċipriet lill-poplu ried jaqtagħlu xewqtu tant li fil-festa liturġika ta' San Publju ta' Jannar 1958 esebixxa l-abbozz tal-abside tal-kor, iżda l-pittura ma laħaqx bdieha hu għax bħal sajjetta fil-bnazzi fis-6 ta' Awwissu 1959 konna smajna l-aħbar li kien miet f'Ruma.



*Dun Karm Xuereb*
*(1960 - 1967)*

Is-sedja ta' Arċipriet fil-knisja tagħna damet vojta għal aktar minn ħames xhur, għar-raġuni li peress li Debono kien miet f'Ruma, in-nomina tas-suċċessur tiegħu riedet toħroġ mis-Santa Sede.
F'Jannar ta' l-1960 Dun Karm Xuereb mir-Rabat Għawdex li kien Kappillan fil-Kalkara kien ħa l-pussess bħala Arċipriet tagħna l-Furjaniżi. Xuereb kompla jabbelixxi

t-tempju afdat f'idu fejn għamel erba' artali tal-irħam ġodda b'sett gandlieri tal-bronz għal fuq il-prima ta' kull wieħed. Għamel in-niċċa tal-irħam għall-Madonna tad-Duluri, battisterju fl-arzella (illum narawh faċċata tal-pulptu) u u ndura l-gallerija tal-orgni u s-sett gandlieri bl-appostli li fil-festa jintramaw fuq l-artal maġġur. Fi żmienu kienet waslet il-vetrata ta' fuq l-orgni li kien laħaq ordna Debono qabel miet. Xuereb beda l-pittura fil-knisja u bena l-Youth Centre.
Meta fl-1967 l-Arċipriet kien inħatar Monsinjur, bħal Monsinjur Dun Franġisk Mallia ried jibqa' joqgħod il-Furjana u b'koinċidenza fl-istess triq li kien joqgħod Mallia.



*Dun Alwiġ Debono*
*(1967 - 1970)*

Tista' tgħid li kienu bidlu lil xulxin, Dun Alwig Debono kien il-Viċi Parroku għal bosta snin fil-parroċċa tagħna u f'waqt li s-sedja kienet vojta kien serva bħala Viċi Kurat u meta Xuereb ġie Arċipriet il-Furjana, Dun Alwig kien inħatar Kappillan tal-Kalkara floku, sa ma reġa' ġie lura bħala Arċipriet tagħna l-Furjaniżi.
Dun Alwig kien mir-Rabat Għawdex, iżda ta' seba' snin ma' familtu ġie joqgħod il-Furjana u sar wieħed minna fil-komunità Furjaniża.
L-Arċipriet Debono kull ma laħaq għamel bħala abbelexximent fil-knisja tagħna kienet arkata pittura fis-saqaf tal-Korsija. Minħabba li l-mewt ġiet fuqu ħesrem u firditna minnu. Il-funeral li għamlulu l-Furjaniżi baqa' jissemma għal bosta żmien għax Dun Alwig kien maħbub minn kulħadd.

Minn wara l-mewt tal-Arċipriet Dun Anton Debono li kien miet f'Ruma, kull darba s-sedja kienet tkun vojta l-għajta kienet tkun li bħala Arċipriet kien ser ikollna lil Dun Salv Fenech li mill-1960 kien Kappillan tal-Qrendi, iżda kien wara l-mewt ta' Dun Alwig li Dun Salv niżżel ismu bħala l-ewwel Arċipriet Furjaniż.
Dun Salv beda ħidmietu billi kompla l-pittura sa ma lesta l-korsija kollha. Imbagħad għadda għal bosta opri li qamu l-flus u kellhom



*Dun Salv Fenech*
*(1970 - 1986)*

isiru l-istess minħabba ż-żmien li kien għadda minn fuqhom u kellhom jinbidlu bħal ma kienet l-installazzjoni tal-elettriku fil-knisja kollha, l-instalazzjoni tal-loudspeakers bi speakers ġodda u aktar moderni, il-gallerija tal-orgni li l-art tagħha kienet tal-injam u peress li ġiet ikkundannata li ser taqa', l-art inbidlet f'waħda tal-konkos, il-qċaċet tal-kampnari li minn tal-ġebel saru tal-konkos, kisi tal-koppla minn barra u soqfa bil-flintcoat, manutenzjoni fil-qniepen u fl-aperturi. It-trasformar fil-ħabel tal-arloġġ li flok jingħata bl-idejn sar jingħata bl-elettriku minn isfel minflok minn fuq.
Fuq ġewwa fit-tempju x-xogħol ma naqasx, infatti nbidlu s-siġġijiet kollha, ġew restawrati xi wħud mill-kwadri ta' fuq l-artali tal-ġnub u ġie r-restawrat l-artal ta' San Pawl li kien għadu bit-tifrik tal-gwerra. Ġie rrestawrat it-tużell fl-induratura tiegħu bħalma kienu ġew indurati l-gandlieri u l-appostli tas-sekondi festi. Il-prima tal-maġġur li kienet tal-injam, inbidlet f'waħda tal-irħam. Inxtara orgni ġdid u ġiet iddekorata n-niċċa ta' San Publju bl-iskultura. (Illum din in-niċċa nsibuha bħala n-niċċa l-antika ta' San Publju.)
Fi żmien Fenech inżebgħet il-knisja u fin-navi u fil-kontra navi, saret l-induratura, u ġiet iddekoratha l-koppla bil-pittura.
Il-kennierja wara li kienet ħadet in-nar, ġiet żviluppata Sala San Publju. Sar ukoll xogħol ta' restawr fl-armar ta' barra fosthom il-palk tal-Banda u ma naqasx ukoll armar ġdid. Dun Salv temm il-parrokat tiegħu meta l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca ħatru Monsinjur u Rettur tal-Kon Katidral ta' San Gwann huwa baqa' joqgħod f'Subborg twelidu, l-Furjana.

Dun Kalċidon Vassallo kien mis-Siġġiewi u wara żewġ parrokati fl-Imġarr u Ħal Luqa kien inħatar bħala Arċipriet tagħna l-Furjaniżi. Fi żmienu ġie rrestawrat is-saqaf tal-portiku u taħt l-istess portiku għamel xibka biex il-ħamiem ma jpoġġix fuq l-iskultura. Fuq ġewwa



*Dun Kalċidon Vassallo*
*(1986 - 1991)*

tal-kampnari għamel żewġ slielem tal-ħadid flok li kien hemm għax kienu tmermru. Is-salib tal-koppla li kien tal-ġebel bidlu f'wieħed tal-Fibre glass u l-koppla ksieħa bis-silverin. Il-bibien tal-knisja neħħielhom iż–żebgħa u llustrahom fuq l-injam. Hu fakkar l-eroj Dun Mikiel Xerri u sħabu permezz ta' lapida li twaħħlet mal-ħajt tal-knisja fuq iż-zuntier tan-naħa ta' Barċelonetta. Rigward l-armar ta' barra fi żmienu saru ħafna pavaljuni. Kompla jabbelixxi s-Sala San Publju billi ġiet pavimentata bil-madum.
Hu rrestwara l-vara ta' San Publju u beda l-proċess tan-niċċa l-ġdida għall-istess vara iżda f'waqt dan il-proċess Dun Kalċ ġie maħtur Kappillan ta' Ħaż-Żabbar.



*Mons. Dun Ġużepp Pace*
*(1992 - 1998)*

Mons. Dun Ġużepp Pace mill-Marsa, inħatar Arċipriet tagħna fejn kien ħa l-pussess fid-9 ta' Jannar 1992, wara li kien qatta' 13-il sena bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' San Gejtanu l-Ħamrun. Fl-1993 Dun Ġużepp inħatar Kamrier Sigriet tal-Papa bit-titolu ta' Monsinjur, l-uniku Arċipriet fil-parroċċa li żamm dan it-titolu f'waqt li baqa' fis-sedja.
L-ewwel ħidma tiegħu f'dak li hu abbelexximent fil-knisja kien li kompla l-proġett tan-niċċa l-ġdida għall-vara ta' San Publju mibdija mill-predeċessur tiegħu Dun Kalcidon. In-niċċa kienet ġiet inawgurata fis-27 ta' Frar 1994.
Wara li l-kappella ta' San Ġużepp kienet ġiet iddekorata bl-istukko u bl-induratura, is-SS. mu Sagrament ġie ttrasportat fiha minflok fejn konna mdorrijin bih fl-artal maġġur, ħaġa li ma kinitx ġiet milqugħa minn uħud mill-Furjaniżi. Minbarra li sar xogħol ta' restawr fl-irħam tal-altar ta' San Lawrenz u ġew restawrati xi kwadri inkluż dak ta' San Lawrenz, saru lunetti fuq l-arkati tal-pavaljuni u fil-qiegħ tal-gallerija tal-orgni kollox miżbugħ fuq sfond aħdar. Dan il-kumpless ingħalaq b'pavaljun u purtiera fid-daħla tal-bieb maġġur bl-istess kulur. Restawr ieħor sar fis-saqaf tal-korsija u fl-abside fil-pittura ta' Cremona. F'dan iż-żmien ukoll ġiet irrestawrata l-istatwa tal-Madonna tad-Dutrina.
Mons. Pace wettaq ukoll xogħlijiet ta' manutenzjoni fis-soqfa tal-knisja u f'xi kmamar fis-sagristija. Fi żmienu sar ir-restawr tal-ark, iżda ma laħaqx għadda minn taħtu bħala Arċipriet għax Monsinjur Pace ġie msejjaħ għal kariga oħra fid-Djoċesi tagħna.



*Dun Lawrenz Zammit*
*(1998 - 2001)*

Dun Lawrenz minn Ħal Qormi, nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru 1998 ħa l-pussess fil-parroċċa tagħna, wara li diga` kellu esperjenza ta' seba' snin bħala Kappillan tal-Kalkara. Hekk kif ġie fostna it-tama ta' ħafna mill-Furjaniżi kienet li dan l-Arċipriet ser jagħmlilna l-pittura fil-kappelluni. Hekk kienet l-għajta u għalkemm Dun Lawrenz uriena li xtaq, kellu prioritajiet oħra x'jagħmel kemm fil-knisja kif ukoll fid-Dar Parrokkjali li mir-rapport tal-Perit kienet ġiet deskritta bħala dar inabitabbli. Aktar xogħol ta' responsabilità li kellu Dun Lawrenz kien li jissetilja il-qagħda finanzjarja u amministrattiva tal-parroċċa.
Fuq talba ta' ħafna Furjaniżi għax ma kenux draw li s-SS.mu jkun fil-kappella ta' San Ġużepp, reġa' ttrasportah fejn minn dejjem kien, fl-artal maġġur.

Ix-xogħol ta' manutenzjoni kompla fil-kmamar fejn waħda minnhom ġiet trasformata biex fiha titpoġġa it-tapizzerija tad-damask. Fis-sagristija barra li nżebgħet ġew restawrati iż-żewġ kwadri pitturi kbar li jiksu wieħed mill-ħitan tagħha. L-armarji ġew żarmati u ttieħdu jieħdu banju f'kimika ta' aċidu biex titneħħa ż-żebgħa li akkumulat fuqhom tul is-snin. Fuq il-kaxxarizzi tal-qassisin wara li ġie rrestawrat tpoġġa l-Kurċifiss li għal ħafna snin kien fl-Oratorju tal-Fratellanza ta' San Publju. Fil-Knisja saru sett brazzi ġodda għal kuljum fil-korsija, saru sett lopop ġodda u twapet għall-artali tal-ġnub biex jintużaw fil-jien tal-festa.
Fis-sena 2000 fil-festa ta' San Publju ġie mżanżan l-ark li kien ġie rrestawrat fil-parrokkat ta' qabel u li f'dan il-parrokkat saret statwa ġdida ta' San Publju għal fuqu. F'Diċembru tal-istess sena kienet ser tibda tinżebagħ il-knisja, infatti kienet ġiet imsaqqfa l-kappella tal-Kunċizzjoni iżda minħabba il-problema tal-finanzi ġiet żarmata kollha u il-proġett tħalla għal aktar tard.
Opra ta' abbilixximent li Dun Lawrenz xtaq li jagħmilha kien l-altar mejda, iżda d-disinji li bagħat il-Kurja għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-Arti Sagra ma kenux ġew approvati. Il-flus li tawh xi Benefatturi (tissemma s-somma ta' Lm6000) id-depożitahom il-Kurja f'kont fiss biex is-somma tiżdied bl-imgħax għal meta jsir l-artal. Proġett ieħor li diġà; semmejnieh fil-priorità li Dun Lawrenz wettaq fostna kien l-irranġar tad-Dar Parrokjali, iżda li ma laħaqx żanżanha hu għax nhar is-Sibt 3 ta' Novembru 2001 l-Arċipriet kien għarrafna li kien ser itemm il-ħidma pastorali tiegħu bħala Arċipriet fuq talba ta' Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca biex jokkupa karigi ġodda, dik ta' Kap Rivezur fit-taqsima tal-amministrazzjoni tal-Kurja, Kappillan tal-Forzi Armati ta' Malta u ċerimonjier tal-Kapitolu Metropolitan.

Wara 17-il sena ta' Parrokkati maqsuma f'żewġ parroċċi, dik ta' Ħad-Dingli u tas-Siġġiewi, Dun Richard Borg min-Naxxar, nhar il-Ħadd 17 ta' Marzu 2002 ħa l-pussess ta' Arċipriet fil-parroċċa tagħna. Dak inhar fid-diskors tiegħu qalilna li ser jieħu ħsieb it-tempju li ġie afdat f'idu u hekk għamel u għadu jagħmel. Infatti saru bosta xogħlijiet ta' manutenzjoni li ħafna minnhom ma jidhrux għax saru fuq il-bjut tal-knisja u fil-kmamar tal-kampnari fosthom il-kamra magħrufa tar-riflettur li qed tkun ikkonvertita bħala post fejn jinżammu l-arkivji tal-knisja. Aktar xogħol ta'



*Dun Richard Borg*
*(2002 - )*

manutenzjoni sar fis-saqaf tas-Sala San Publju kif ukoll installazzjoni ġdida tal-elettriku. Ġew miżbugħa l-bibien kollha tal-knisja u rrixtelli ta' taħt il-portiku u l-fanali ta' quddiem il-faċċata tal-knisja. Saru ħafna tiswijiet fid-damask, bdil ta' inforor u xogħol ieħor ġdid bħal ma huma l-patalotti tal-baldakkin, iċ-ċelu tat-tuzell u d-damask ġdid li sar fil-pilastri tal-korsija, kor u kappellun. Sar ukoll xi restawr f'xi statwi kemm li jintramaw fil-knisja kif ukoll fuq oħrajn li jintramaw barra fil-jiem tal-festa. Opri oħra kienu arġentar fil-fidda f'xi gandlieri, fjuretti tal-ganutell għall-artal tal-Kunċizzjoni u erbgħa oħra għal madwar il-vara ta' San Publju. Inxtraw żewġ linef imdaqsa li wieħed jista' jarahom armati fil-ġnub tal-artal maġġur. Saret stilla kbira mis-saqaf tal-korsija sal-prima tal-maġġur li tintrama fil-jiem tal-festi tal-Milied u dawl fiss mal-faċċata tal-Knisja. Sar l-artal mejda tal-irħam u fil-preżent qed tinżebagħ il-knisja. Sett linef tal-kristall li din is-sena qed jiżżanżnu 3 fil-Korsija.
Fil-festa liturġika ta' San Publju ta' Jannar 2004, l-Arċipriet ħabbar li fetaħ fond fil-Kurja għall-pittura tal-Kappelluni. Jalla l-parrokkat tiegħu itul ħalli jkompli jabbelixxilna t-tempju afdat f'idu.